**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum, 10 ta' Mejju, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts)**

**vs**

**Abuzer Mohamadin Noor**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Abuzer Mohamadin Noor**, imwieled nhar is-06/03/2002 gewwa Darfur ta' Nazzjonalita Sudaniza, iben Mohamader u Cubra detentur tan-numru tal-Pulizija 20F-023, residenti gewwa Hal Far Tent Village, Birzebbugia.

Akkuzat talli fid- 09 ta' Mejju 2021, u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer:

Kellu f'idejh passaport, maħruġ minn awtorità kompetenti, jew li, ittrasferixxa dan il-passaport lil persuna oħra jew irċeva passaport li ġie ittrasferit lilhu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta li jagħmel użu minn Passaport maħruġ lil persuna oħra, cioé dak diġa imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi inghata prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta);

Kif ukoll talli xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

Kif ukoll mingħajr awtorità leġittima uza jew kellhu fil-pussess xi dokumenti, meħtieġa għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub li ma kienx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tagħ tagħrif falz (Kap 9, Sec 188 (2) tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

Finalment, akkuzat ukoll, talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' sentenza definittiva mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta (Magistrat Dr Rachel Montebello LLD nhar id-29/12/2020).

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 32(1)(c)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Abuzer Mohamadin Noor** hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena (1) prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**